

16.4.2024

A9-0054/ 001-001

EMENDI 001-001

mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapport

Irene Tinagli

Statistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea

A9-0054/2024

Proposta għal regolament (COM(2023)0459 – C9-0316/2023 – 2023/0288(COD))

Emenda 1

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

2023/0288 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu █.

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,



Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) ***Hi meħtieġa data eżatta, fil-ħin, affidabqli u komparabqli għall-kumpilazzjoni tal-istatistika*** tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni Ewropea għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-koejzjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-istratēġija Ewropea dwar l-impjegi, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew.
- (2) Il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011² u l-monitoraġġ tal-pagi minimi adegwati skont id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jeħtieġu informazzjoni eżatta dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi fis-siegħa u tal-livelli tal-pagi, ***ir-rata ta' kopertura tan-negozjar kollettiv, il-livell tal-paga minima statutorja u s-sehem tal-ħaddiema koperti minnha*** fost l-Istati Membri.
- (3) L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, il-Bank Ċentrali Ewropew jużaha fil-kuntest tal-politika monetarja unika, ***b'mod partikolari dik dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi u t-tkabbir fil-pagi***, biex jimmonitorja r-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li joħolqu l-kostijiet lavorattivi. Għalhekk hemm bżonn statistika tal-Unjoni eżatta, fil-ħin u komparabqli dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi. ***Huwa importanti li din l-analiżi tkun ikkomplementata mill-monitoraġġ tar-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li jirriżultaw mill-profitti.***
- (4) Hemm bżonn tiġi estiża l-kopertura tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u l-puntwalità tal-indiċi tal-kost lavorattiv għax iż-żewġ indikaturi huma elenkti fost l-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Princípali (IEEP)⁴, meħtieġa biex jiġu monitorjati l-politiki monetarji u ekonomiċi.
- (4a) ***Huwa importanti għal skopijiet analitiċi li ammont xieraq ta' data b'lura jkun disponibbli biex ikunu jistgħu jiġu vvalutati l-indiċijiet tal-kost lavorattiv maż-żmien. Madankollu, sabiex jitnaqqas il-piż impost fuq l-Istati Membri, it-trażmissjoni***

¹ **ĠU C, C/2024/668, 12.01.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/668/oj>.**

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

³ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro “Towards improved methodologies for eurozone statistics and indicators” (Lejn metodoloġiji mtejba għall-istatistika u l-indikaturi taż-żona tal-euro), COM(2002) 0661 final tas-27 ta' Novembru 2002.

jenħtieġ li tkun limitata għal data b'lura li tal-inqas tkopri s-snin kalendarji 2024 u 2025.

- (5) Hemm bżonn bażi ġuridika għar-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni tad-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri biex isir monitoraġġ tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), b'mod partikolari, l-Ġhan 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
- (6) L-implimentazzjoni, *il-monitoraġġ u l-valutazzjoni* tal-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugħali tal-irġiel u tan-nisa f'materji tal-impieg u tax-xogħol¹ jeħtieġu data komparabbli dwar il-pagi li jirċieu l-irġiel u n-nisa. Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssahħha l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugħali għal xogħol ta' valur ugħali bejn l-irġiel u n-nisa² teżiġi li l-Istati Membri jipprovdha data aġġornata u fil-ħin lill-Kummissjoni dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri, *f'konformità mad-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi).* Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi kumplimentat bil-qafas statistiku meħtieġ li jixraq għall-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.
- (6a) *Skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali⁴ kif ukoll l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġja dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030, b'mod partikolari billi jiġi segwit l-objettiv li jinħolqu opportunitajiet indaqs u jiġi żgurat aċċess ugħali biex jipparteċipaw fis-soċjetà u fl-ekonomija, hi meħtieġa data fil-ħin, komparabbli u eżatta dwar il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol. Tali data se tipprovdi valutazzjoni tant meħtieġa tal-progress fit-naqqis tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impieg u tax-xogħol, inklużi s-sensji u l-paga.*
- (6b) *L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugħali irrispettivamente mill-oriġini razzjali jew etnika teħtieġ data fil-ħin, komparabbli u eżatta dwar il-pagi u l-karatteristiċi tal-impieg ta' persuni ta' oriġini razzjali jew etnika differenti. Tali data se tipprovdi valutazzjoni tant meħtieġa tal-progress fit-naqqis tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impieg u tax-xogħol, inklużi s-sensji u l-paga.*
- (6c) *Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija d-differenza relativu bejn il-pensjonijiet gross medji li jaqilgħu n-nisa u l-irġiel. Id-differenza għandha l-għeruq tagħha f'karrieri professionali differenti; dawk tan-nisa huma kkaratterizzati minn paga aktar baxxa, karrieri iqsar u interrotti, u volum aktar baxx ta' sīġħat maħduma. B'rizzultat ta' dan, in-nisa jkunu f'riskju akbar ta' faqar mill-irġiel aktar tard f'ħajjithom. Id-data miġbura fil-kuntest tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-*

¹ Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugħali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impieg u xogħol (ĠU L 204, 26.07.2006, p. 23).

² Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssahħha l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugħali għal xogħol ugħali jew xogħol ta' valur ugħali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.05.2023, p. 21).

³ *Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssahħha l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugħali għal xogħol ugħali jew xogħol ta' valur ugħali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar, (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21), <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/970/oj>.*

⁴ COM(2021)0778.

negozji rigward l-istruttura tal-qligħ, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi tista' tikkontribwixxi wkoll għal fehim aħjar tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fl-Istati Membri.

- (7) Biex jiissimplifika l-leġiżlazzjoni eżistenti u jrawwem l-armonizzazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni, il-kunċetti, id-definizzjonijiet u r-rappurtar tal-kwalità, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkopri l-istatistika Ewropea kollha tas-suq tax-xogħol dwar in-neozzji.
- (7a) *Bil-ġhan li tittejjeb l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-neozzji, huwa essenzjali li d-data tissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalità. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) tipprovdi aktar gwida dwar il-ġestjoni tad-data miġbura minn sorsi ta' kwalità baxxa.*
- (8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis il-ħtiġjiet ġodda li nħolqu bl-iżvilupp u bl-approfondiment tal-Unjoni u taż-żona tal-euro, diment li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma jkunux joħolqu piż sproporzjonat fuq ir-rispondenti jew fuq l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika.
- (9) Biex jiġi limitat il-piż *amministrattiv u finanzjarju* fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq *l-intrapriżi soċjali, l-SMEs u l-mikrointrapriżi*, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi *digħi disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali*, li l-ġhan ewleni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut għall-istħarriġiet tal-istatistika jew bħala suppliment għalihom, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan ir-Regolament. *Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispecċifika minn liema sorsi, minbarra d-data tal-istħarriġ u r-rekords amministrattivi, id-data tista' tingħabar u tiġi trażmessu d-data, għal dak li hu meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament. Madankollu, hu meħtieġ li jiġi limitat l-għadd ta' sorsi li minnhom tista' tingħabar u tiġi trażmessu d-data, għal dak li hu meħtieġ u proporzjonat biex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispecċifika minn liema sorsi, minbarra d-data tal-istħarriġ u r-rekords amministrattivi, id-data tista' tingħabar u tiġi trażmessu skont dan ir-Regolament. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe pproċessar ta' data li tirriżulta minn dawk is-sorsi l-oħra jenħtieġ li jkun mingħajr pregħidżju għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.*
- (9a) *L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jqisu l-istandard dwar il-kosteffettività u ma jinvolvux piż eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi kif minqux fl-Artikolu 338(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fit-trattattivi tagħhom man-neozzji. L-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu sforzi biex jiżguraw li d-data rilevanti tiġi kondiviża b'mod adegwat bejn l-awtoritajiet biex jiżguraw li l-piż tar-rappurtar għall-intrapriżi jkun żgħir kemm jista' jkun.*
- (9b) *Il-qafas li jirregola l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-neozzji jenħtieġ li jittejjeb kontinwament. Dan jinkludi aspetti tal-kwalità tad-data kif ukoll it-tnaqqis ta' piżżejjiet ekonomiċi żejda. Madankollu, jenħtieġ li metodi u proċeduri ġodda jiġu ttestjati kif xieraq qabel ma jiġi inkorporati fl-attivitajiet ta' kuljum tal-istituti nazzjonali tal-istatistika. Għal dak il-ġhan, jenħtieġ li l-Kummissjoni (Eurostat) u l-istituti nazzjonali tal-istatistika jwettqu studji ta' fattibbiltà u studji pilota. Dawn l-istudji*

¹ *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37, <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj>).*

jenħtieġ li jinbdew mill-Kummissjoni u jenħtieġ li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-istituti nazzjonali tal-istatistika fuq bażi volontarja. Sabiex jinsiltu l-konklużjonijiet it-tajba, ir-riżultati ta' dawk l-istudji jenħtieġ li jiġu analizzati birreqqa mill-Kummissjoni u mill-istituti nazzjonali tal-istatistika. Dik l-analiżi jenħtieġ li tkun disponibbli għall-komunità tal-istatistika u għall-pubbliku ġenerali.

- (10) Biex tittejjeb l-effiċċenza tal-proċessi tal-produzzjoni tal-istatistika dwar is-suq tax-xogħol u biex jonqos il-piż statistiku fuq ir-rispondenti, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaċċessaw u jużaw, minnufih u bla ħlas, ir-rekords amministrattivi nazzjonali kollha u li jintegraw dawk ir-rekords amministrattivi mal-istatistika, sa fejn meħtieġ, għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea dwar in-negozji, f'konformità mal-Artikolu 17a tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (11) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea hu l-qafas ta' referenza għal dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-data kunfidenzjali **u l-ipproċessar u l-kondiżjoni ta' data personali, inkluż ta' data miżmuma minn persuni privati.**
- (11a) **L-użu ta' tekniki ta' scraping tal-web biex tinġabar data minn siti web, għan-natura normali tagħhom ta' tfidxija mhux strutturata fuq dak li huwa pubbliku fuq l-internet, jista' ma jikkonformax mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data tal-eżattezza sakemm ma jkun hemm l-ebda valutazzjoni dwar l-affidabbiltà tas-sorsi. L-istess rekwiżiti tal-kwalità għall-istatistika uffiċċiali (eż. il-prinċipju tal-eżattezza statistika u l-affidabbiltà tad-data tas-sors) jistgħu jiġu affettwati.**
- (12) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika ta' kwalità għolja tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, ma jistax jintlaħaq bizzżejjed mill-Istati Membri iż-żda, għal raġunijiet ta' konsistenza u komparabbiltà, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjet kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.
- (13) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u ta opinjoni nhar **il-25 ta' Settembru 2023**.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċeu tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar Statistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

² Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (14) Għal implementazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri, hemm bżonn mill-inqas 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħi qabel l-ewwel ġbir tad-data. ***Għalhekk, jenħtieġ li tiġi applikata mhux qabel l-1 ta' Jannar 2026.***

(15) Il-Kumitat tas-Sistema Europeo tal-Istatistika ġie kkonsultat

ADOTTAW DAN IR REGOLAMENT;

ABSTRACTIVE DRAFTING IN RECOGNITION

Arikotu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u disseminazzjoni tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “unità statistika” tfisser *il-persuna fiżika jew l-entità ġuridika* li dwarha tinġabar jew tiġi kkumpilata d-data;

(2) “intrapriża” tfisser sett ta’ unitajiet legali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93¹; Din tinkludi lill-produtturi mhux tas-suq u lil unitajiet istituzzjonali oħra li jappartjenu għas-settur tal-gvern ġenerali;

(2a) *“intrapriża soċjali” tfisser entità tal-liġi privata, li tista’ tiġi stabilita f’varjetà ta’ forom legali, li tiprovoxi oġġetti u servizzi għas-suq b’mod intraprenditorjali u f’konformità mal-prinċipji u l-karatteristiki tal-ekonomija soċjali, b’objettivi soċjali jew ambjentali bħala r-raġuni għall-attivitā kummerċiali tagħha²;*

(3) “unità lokali” tfisser intrapriża jew parti minnha li tinsab f’post ġeografikament identifikat;

(4) “intrapriża residenti”, rispettivament “unità lokali residenti”, tfisser intrapriża, rispettivament unità lokali, li twettaq attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għall-prodott domistik gross (PDG);

(5) “impiegat” tfisser persuna irrispettivav min-nazzjonalità tagħha, mir-residenza tagħha jew minn kemm ilha taħdem fl-Istat Membru fejn għandha kuntratt ta’ impieg dirett ma’ intrapriża (kemm jekk il-ftehim ikun formal i kif ukoll jekk ikun informali) u tirċievi remunerazzjoni, irrispettivav mit-tip ta’ xogħol li tagħmel, in-numru tas-siġħat maħduma (full-time jew part-time) u t-tul tal-kuntratt (fiss jew indefinit, inkluż staġunali); ir-remunerazzjoni ta’ impiegat tista’ tieħu l-forma ta’ pagi u salarji, inkluż

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-statistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità (ĠU L 76, 30.3.1993, p. 1), ANNESS-Taqsima III-A

² L/70, 30.5.1993, p. 1; KARNESS Taqqadha III/11
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (C/2023/1344) (ĠU C, C/2023/1344, 29.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1344/oj>).

bonuses, īħlas għal xogħol bl-imqieta u bix-xift, gratifikasi, miżati, kummissjonijiet u remunerazzjoni in natura;

- (6) “impjegatur” tfisser intrapriża jew unità lokali li għandha kuntratt ta’ impjieg dirett ma’ impjegat (kemm jekk il-ftehim ikun formal kif ukoll jekk ikun informali);
- (7) “dominju” tfisser sett tad-data wieħed jew aktar li jkopri tema waħda jew bosta temi partikolari;
- (8) “tema” tfisser il-kontenut tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi waqt il-ġbir tad-data, u kull tema tkun tkopri għadd ta’ temi dettaljati;
- (9) “tema dettaljata” tfisser il-kontenut dettaljat tal-informazzjoni li trid tinġabar dwar l-unitajiet statistiċi relatati ma’ tema; kull tema dettaljata tkopri varjabbli wieħed jew aktar;
- (10) “varjabbli” tfisser karakteristika ta’ unità li tista’ tassumi aktar minn sett wieħed ta’ valuri, u li tista’ tkun ċifra assoluta, proporzjon, jew referenza għal pożizzjoni fi klassifikazzjoni;
- (11) “diżaggregazzjoni” tfisser sett ta’ valuri predefiniti diskreti, eżawrjenti u reċiprokament esklużivi li jistgħu jiġu assenjati lil varjabbli li jikkaratterizza unitajiet statistiċi;
- (12) “mikrodata” tfisser data li tikkonċerna unità statistika waħda biss, mingħajr identifikatur dirett;
- (13) “data aggregata” tfisser data li tikkonċerna sett ta’ diversi unitajiet statistiċi;
- (14) “popolazzjoni statistika” tfisser is-sett tal-unitajiet statistiċi li dwarhom tkun mixtieqa l-informazzjoni u ikunu meħtieġa l-istimi;
- (15) “qafas tal-kampjunar” tfisser lista, mappa jew spċifikazzjoni oħra tal-unitajiet li jiddeterminaw popolazzjoni statistika li trid tīgi kollha kemm hi numerata jew ikkampjunata;
- (16) “kampjun” tfisser subsett ta’ qafas tal-kampjunar li l-elementi tiegħu jintgħażlu abbażi ta’ proċess bi probabbiltà magħrufa tal-għażla, iddisinjat biex jippermetti derivazzjoni ta’ stimi validi għall-popolazzjoni statistika;
- (17) “rispondent” tfisser l-unità tar-rappurtar li tipprovd informazzjoni lill-awtorità li tkun qed twettaq l-istħarriġ;
- (18) “data tal-istħarriġ” tfisser id-data miġbura minn kampjun ta’ rispondenti u estrapolata għall-popolazzjoni statistika b’metodi matematiċi xierqa;
- (19) “rekords amministrattivi” tfisser data ġġenerata minn entità amministrattiva, normalment korp pubbliku, li l-ġħan ewljeni tagħha ma jkunx li tipprovd l-istatistika;
- (20) “sorsi oħra” tfisser data **ta’ kwalità u affidabbi** ġġenerata minn entità mhux amministrattiva li tinkludi rekords privati, siti web u bażiżiet tad-data, li l-ġħan ewljeni tagħha ma jkunx li tipprovd statistika uffiċċiali;
- (21) “klassifikazzjoni statistika” tfisser lista ordnata, b’livell wieħed jew aktar ta’ dettall, ta’ kategoriji relatati iż-żda reċiprokament esklużivi, użati biex jagħtu struttura lill-informazzjoni f’dominju statistiku partikolari skont is-similaritajiet tagħha;
- (22) “perjodu ta’ referenza” tfisser perjodu li tirreferi għalih id-data;

- (23) “perjodu tal-ġbir tad-data” tfisser il-perjodu taż-żmien meta tinġabar id-data.
- (24) “metadata” tfisser informazzjoni meħtieġa biex l-istatistika tkun tista’ tintuża u tiġi interpretata, u li tiddeskrivi d-data b’mod strutturat;
- (25) “data verifikata minn qabel” tfisser data verifikata mill-Istati Membri abbażi ta’ regoli komuni miftiehma tal-validazzjoni;
- (26) “rapport tal-kwalità” tfisser rapport li jagħti informazzjoni dwar il-kwalità ta’ prodott jew proċess statistiku;
- (26a) ***“data b’lura” tfisser data li tkopri perjodu ta’ mill-inqas sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.***

Artikolu 3

Sorsi u metodi

1. Għall-fini tal-kumpilazzjoni tal-istatistika skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jużaw jew jerġgħu jużaw wieħed mis-sorsi li ġejjin jew kombinament tagħhom diment li jissodisfaw l-istandardi tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 8:

- (a) data tal-istħarriġ;
- (b) rekords amministrattivi;
- (c) sorsi oħra.

1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika minn liema sorsi oħra msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta’ dan l-Artikolu, tista’ tinġabar u tiġi trażmessu d-data. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta tali atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-użu ta’ dawk is-sorsi l-oħra jkun meħtieġ u proporzjonat biex jintla ħaq l-objettiv skont dan ir-Regolament, filwaqt li titqies kif xieraq is-sensittività tad-data inkwistjoni u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/58/KE.

2. L-istħarriġiet użati għall-fini tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji għandhom jiġu bbażati fuq kampjuni li jkunu rappreżentativi tal-popolazzjoni statistika. Il-kampjuni tal-intrapriżi jew tal-unitajiet lokali għandhom jittieħdu mir-reġistri nazzjonali tal-istatistika dwar in-negozji kif definit fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2152.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar is-sorsi u l-metodi użati fir-rapporti tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 8(4).

Artikolu 3a

Ir-rekwiżit għall-protezzjoni tad-data personali

1. Meta l-attivitajiet li jeħtieġ jitwettqu skont dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta’ data personali, tali proċessar għandu jkun proporzjonat u għandu jikkonforma mar-

Regolament 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data stabbilit f'dawk ir-Regolamenti, id-data pprovduta skont dan ir-Regolament għandha tiġi aggregata sakemm l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati.

2. L-iproċċessar ta' data personali għal finijiet ta' statistika, li jitqies li huwa fl-interess pubbliku, għandu jkun soġġett għal salvagħwardji xierqa f'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725. B'mod partikolari, għandha tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju li d-data personali għandha ssir anonima.

Artikolu 4

Rekwiżiti tad-data

1. L-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji għandha tkopri d-dominji u t-temi li ġejjin:

- (a) l-introjtu:
 - (i) l-istruttura tal-introjtu;
 - (ii) id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri;
 - (iii) *il-kopertura tan-negozjar kollettiv;*
 - (iv) *il-livell tal-paga minima statutorja, jekk applikabbi;*
 - (v) *il-kopertura tal-paga minima statutorja, jekk applikabbi;*
- (b) il-kostijiet lavorattivi:
 - (i) l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi;
 - (ii) l-indiċi tal-kost lavorattiv;
- (c) id-domanda għax-xogħol:
 - (i) il-postijiet tax-xogħol vakanti.

L-indiċi tal-kost lavorattiv tat-temi, imsemmi fil-punt (b)(ii), u l-postijiet tax-xogħol vakanti, imsemmi fil-punt (c)(i), jinkludu l-istimi bikrija rispettivi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 5.

¹ *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oi>).*

² *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fizċi fir-rigward tal-iproċċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oi>).*

2. Għal kull tema elenkata fil-paragrafu 1, it-temi dettaljati, il-perjodiċità korrispondenti tagħhom, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 biex temenda l-lista tat-temi dettaljati, il-perjodiċità, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenzi għat-trażmissjoni stabbiliti fl-Anness.

4. Meta teżerċita s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti ma jipponux piż sinifikanti u sproporzjonat fuq l-Istati Membri u fuq ir-rispondenti. Għal dan il-għan, għandhom jinbdew studji tal-fattibbiltà kif stabbilit fl-Artikolu 9 u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu vvalutati u kkunsidrati kif xieraq **qabel l-adozzjoni tal-atti delegati**.

5. Id-data għandha tintbagħat lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-forma ta' data aggregata, għajr għat-tema tal-istruttura tal-introjtu, imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a)(i), li għaliha għandha tintbagħat mikrodata għal impiegati u unitajiet lokali individwali.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-data verifikata minn qabel u l-metadata relatata b'format tekniku spċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat) għal kull sett tad-data. Is-servizzi tal-punt uniku tad-dħul għandhom jintużaw biex jipprovdu d-data lill-Kummissjoni (Eurostat).

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jispeċifikaw l-elementi li ġejjin għal kull tema:

- (a) il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbi;
- (b) klassifikazzjonijiet statistiċi u diżaggregazzjonijiet tad-data;
- (c) miri tal-preċiżjoni;
- (d) il-metadata trid tintbagħat bl-istess perjodiċità, perjodu ta' referenza u skadenzi bħad-data li tirreferi għaliha;
- (e) il-perjodi tal-ġbir tad-data.

Dawn l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza rilevanti.

Artikolu 5

Stimi bikrija

1. L-istimi bikrija għall-indiċi tal-kost lavorattiv imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) u l-postijiet tax-xogħol vakanti msemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (c)(i) għandhom jintbagħtu:

- (a) mill-Istati Membri li l-għadd annwali ta' impiegati tagħhom jirrappreżenta aktar minn 3% tat-total tal-UE, għal kull waħda mill-aħħar tliet snin konsekuttivi; u
- (b) mill-Istati Membri taż-żona tal-euro li l-għadd annwali ta' impiegati tagħhom jirrappreżenta aktar minn 3% tat-total taż-żona tal-euro, għal kull waħda mill-aħħar tliet snin konsekuttivi;

2. L-ishma tal-impjegati fit-total tal-UE u fit-total taż-żona tal-euro msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu vvaluati mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data annwali disponibbli tal-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE.

3. Jekk issir xi bidla fil-lista tal-Istati Membri li l-għadd annwali ta' impjegati tagħhom ikun iż-żejjed mil-limiti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati fi żmien 6 xhur minn tniem il-perjodu tal-valutazzjoni tal-limitu ta' 3%. Jekk l-ishma aġġornati tal-impjegati jkunu inqas mil-limiti rispettivi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jitħallew jieq fu jibagħtu l-istimi bikrija mit-trimestru ta' referenza tal-ewwel sena kalendarja wara d-data tan-notifika. Jekk l-ishma aġġornati jkunu iż-żejjed minn dawk il-limiti, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jibagħtu l-istimi bikrija mill-ewwel trimestru ta' referenza tat-tielet sena kalendarja wara d-data tan-notifika.

Artikolu 6

Unitajiet statistiċi u popolazzjoni statistika

1. L-istatistika skont dan ir-Regolament għandha tiġi kkumpilata għal waħda jew aktar mill-unitajiet statistiċi li ġejjin:

- (a) l-intrapriżi;
- (b) l-unitajiet lokali;
- (c) l-impjegati.

2. Għat-temi tal-indiċi tal-kost lavorattiv, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(ii) u tal-postijiet tax-xogħol vakanti, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (c)(i), il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-intrapriżi kollha jew mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti fl-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-attività ekonomika ewlenija tagħhom tkun inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE¹, għajr f“Agrikoltura, forestrija u sajd”, “Attivitajiet ta’ persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu; attivitajiet mhux differenzjati li jipproduċu oġġetti u servizzi minn persuni tad-dar għall-użu individwali tagħhom” u “Attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritoriali” u
- (b) ikollhom impjegat wieħed jew aktar.

3. Għat-temi tal-istruttura tal-introjtu, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(i), u tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a)(ii), fir-rigward tad-data dwar l-impjegatur, il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti fl-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1)

- (a) l-attività ekonomika tagħhom hi inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE, għajr f“Agrikoltura, forestrija u sajd”, “Attivitajiet persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu u attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ oġġetti – u servizzi – mhux differenzjati minn persuni tad-dar għall-użu tagħhom individwali” u “Attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali”; u
- (b) ikollhom impjegat wieħed jew aktar.

Għat-temi tal-istruttura tal-introjtu u tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, fir-rigward tad-data dwar l-impjegat, il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-impjegati kollha li l-unità lokali tagħhom tappartjeni għall-popolazzjoni statistika definita fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu.

4. B’deroga mill-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3, fir-rigward tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri għall-perjodu ta’ referenza 2026, it-trażmissjoni għandha tkopri l-unitajiet lokali kollha li jkunu parti minn intrapriżi b’10 impjegati jew aktar u li, minbarra l-attività esklusi fil-paragrafu 3, il-punt (a), ma jkunux jappartjenu għat-taqṣima “Amministrazzjoni pubblika u difiża; sigurtà soċjali obbligatorja” tal-klassifikazzjoni NACE.

5. Għat-temi tal-istruttura tal-kostijiet lavorattivi, imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(i), il-popolazzjoni statistika għandha tikkonsisti mill-unitajiet lokali kollha li jkunu residenti tal-Istat Membru u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-tività ekonomika tagħhom hi inkluża f'xi taqsima tal-klassifikazzjoni NACE, għajr f“Agrikoltura, forestrija u sajd”, “Attivitajiet persuni tad-dar bħala persuni li jħaddmu u attivitajiet ta’ produzzjoni ta’ oġġetti – u servizzi – mhux differenzjati minn persuni tad-dar għall-użu tagħhom individwali” u “Attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet u entitajiet ekstraterritorjali”; u
- (b) ikunu parti minn intrapriżi b’10 impjegati jew aktar.

5a. Għat-temi kollha elenkti fl-Anness, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu data separata fir-rigward tal-intrapriżi soċjali.

Artikolu 7

Rekwiżiti tad-data ad hoc

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament f’konformità mal-Artikolu 13 billi jispeċifikaw l-informazzjoni li jridu jagħtu l-Istati Membri b’bażi *ad hoc* meta, fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, il-ġbir ta’ data addizzjonali jitqies meħtieġ biex jiġu indirizzati ħtiġjiet addizzjonali ta’ data statistika **li ma jistgħux jiġu ssodisfati b’mod ieħor**. Dawk l-atti delegati għandhom jispeċifikaw:

- (a) it-temi dettaljati li jridu jingħataw fil-ġbir tad-data *ad hoc* relata t mad-dominji u t-temi speċifikati fl-Artikolu 4 u r-raġunijiet għal dawk il-ħtiġi addizzjonali;
- (b) il-perjodi ta’ referenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 li jibdew bis-sena ta’ referenza 2028 u b’perjodu minimu ta’ sentejn bejn kull ġbir *ad hoc*.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni biex tispeċifika l-informazzjoni *ad-hoc* imsemmija fil-paragrafu 1 u l-metadata. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jispeċifikaw l-elementi tekniċi li ġejjin, meta xieraq:

- (a) il-lista u d-deskrizzjoni tal-varjabbl;
- (b) klassifikazzjonijiet statistiċi u diżaggregazzjonijiet tad-data;
- (c) speċifikazzjonijiet dettaljati tal-unitajiet statistiċi koperti;
- (d) il-metadata li trid tintbagħħat;
- (e) il-perjodi tal-ġbir tad-data.

Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) fi żmien 24 xahar qabel jibda l-perjodu ta' referenza rilevanti.

Artikolu 8

Rekwiżiti tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tad-data u l-metadata mibgħuta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data, ***inkluża d-data b'lura***, miksuba mis-sorsi stabbiliti fl-Artikolu 3 tipprovd kopertura sħiħa tal-unitajiet statistiċi u l-popolazzjoni statistika definiti fl-Artikolu 6 u tagħti stimi eżatti tagħhom.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapporti tal-kwalità dwar is-sorsi u l-metodi għal kull wieħed mit-temi elenkat i fl-Artikolu 4.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti prattiċi għar-rapporti tal-kwalità u l-kontenut tagħhom. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar kull informazzjoni jew bidla rilevanti fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-data trażmess. L-informazzjoni għandha tingħata mill-aktar fis-possibbli u fi żmien 3 xhur minn meta dik il-bidla tidħol fis-seħħ.

7. Wara talba **I**tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tīgi evalwata l-kwalità tal-informazzjoni statistika.

8. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-data mibgħuta, is-sorsi u l-metodi użati u l-oqfsa tal-kampjunar. ***Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji u tippubblika rapporti dwar il-kwalità tad-data trażmess, is-sorsi u l-metodi użati. F'dawk ir-rapporti, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tirrakkomanda kif għandhom jiġu ġestiti s-sorsi meqjusa ta' kwalità baxxa, u d-data miġbura permezz ta' dawk is-sorsi.***

Artikolu 9

Studji tal-fattibbiltà u studji pilota

1. Biex ittejjeb l-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji jew biex tillimita l-piż **amministrattiv u finanzjarju** fuq l-intrapriżi, **b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi**, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tniedi studji tal-fattibbiltà u studji pilota. L-għan ta' dawn l-istudji għandu jinkludi **mill-inqas wieħed mill-elementi li ġejjin**:

- (a) jittejbu l-kwalità u l-komparabbiltà **tad-data**;
- (b) l-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet ġodda u l-implimentazzjoni ta' karatteristiċi ġodda skont il-ħtiġijiet tal-utenti;
- (c) it-titjib tal-integrazzjoni bejn l-istħarriġiet u sorsi oħra ta' data;
- (d) it-tnaqqis tal-piż minn fuq ir-rispondenti;
- (e) **it-titjib tal-kosteffettività tal-ġbir tad-data.**

L-istudji għandhom iqisu l-iżviluppi teknoloġiċi u diġitali.

1a. Id-data miġbura bħala parti mill-istudji pilota msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun limitata għall-oqsma u t-temi elenkti fl-Artikolu 4(1) u t-temi dettaljati speċifikati fl-Anness.

2. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw f'dawk l-istudji b'mod volontarju. B'kooperazzjoni mal-Kummissjoni (Eurostat), dawn għandhom jiżguraw li l-istudji jkunu rappreżentativi fil-livell tal-Unjoni.

3. Ir-riżultati ta' dawk l-istudji għandhom jiġu evalwati mill-Kummissjoni (Eurostat) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin, **inklużi s-sħab soċjal**. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tħejji rapporti dwar is-sejbiet tal-istudji b'kooperazzjoni mal-Istati Membri. **Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.**

Fir-rapporti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tirrakkomanda kif l-istudji pilota għandhom jiġu integrati bħala soluzzjonijiet permanenti.

3a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 13 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi li jwettqu l-istudji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu sa fejn l-ipproċessar ta' data personali jsir għall-fini ta' dawk l-istudji.

Artikolu 10

Finanzjament

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġeneralji tal-Unjoni lill-istituti nazzjonali tal-istatistika u lil awtoritajiet nazzjonali oħra msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009, biex itejbu:

- (a) is-sorsi, inkluż l-oqfsa tal-kampjunar, għall-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-neozji, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029;
- (b) il-metodi tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-neozji, inkluż l-istudji tal-fattibbiltà u l-istudji pilota msemmija fl-Artikolu 9.

L-Unjoni ma għandhiex tiffinanzja l-kostijiet għall-kumpilazzjoni regolari tal-istatistika li trid tintbagħħat skont dan ir-Regolament.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex taqbeż ***it-80%*** tal-kostijiet eliġibbi.

Artikolu 11

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implementati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jitħarsu billi jiġu applikati miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull attivitā illegali oħra, u b'kontrolli effettivi, u jekk jinstabu irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mhalla bi żball u, meta xieraq, b'penali amministrattivi u finanzjarji li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa tal-awditjar, abbażi ta' verifikasi tad-dokumenti u kontrolli fuq il-post, tal-benefiċjarji tal-għotja, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.
3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96², biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attivitā illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament.
4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kuntratti, il-ftehimiet ta' għotja u deċiżjoni ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Prosekutur Pubbliku Ewropew u lill-OLAF biex iwettqu dawn l-awditjar u l-investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifikasi u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Artikolu 12

Derogi

1. Meta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jew tal-atti delegati jew ta' implementazzjoni adottati skont dan, teħtieġ li jsiru bidliet kbar fis-sistema nazzjonali tal-istatistika ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tagħti derogi ***kif xieraq***, permezz ta' atti ta' implementazzjoni, lill-Istat Membru għal perjodu massimu ta' ***sena***. Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Meta tagħti d-derogi, il-Kummissjoni għandha tqis il-komparabbiltà tal-istatistika tal-Istat Membri u l-kalkolu fil-ħin tal-aggregati Ewropej rappreżentattivi u affidabbli meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li r-rekwiżiti relatati mal-istatistika, il-metadata u l-kwalità koperti b'dan ir-Regolament, li qabel kienu koperti bir-Regolamenti mħassra, jibqgħu jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jissottometti talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni fi żmien 3 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew tal-atti delegati jew ta' implementazzjoni adottati skont dan.

Artikolu 13

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***3(1a), 4(3), 7(1) u 9(3a)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn [Uffiċċju tal-Pubblikkazzjonijiet: jekk jogħġebok daħħal id-data eżatta tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hli jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli ***3(1a), 4(3), 7(1) u 9(3a)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa spesifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikkazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spesifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun digħi fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***3(1a), 4(3), 7(1) u 9(3a)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***tliet*** xhur min-

notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet*** xhur wara inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tīgi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jaapplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Tħassir

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 530/1999, (KE) Nru 450/2003 u (UE) Nru 453/2008 qed jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.
2. Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda jaapplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNESS

Dominji, temi u temi dettaljati; il-perjodiċità tal-provvista tad-data, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data ta' kull tema

Dominju	Tema	Tema dettaljata	Perjodiċità	Perjodu ta' referenza	Skadenza għat-trażmissjoni tad-data ⁽¹⁾⁽²⁾	L-ewwel perjodu ta' referenza
Introjtu	Struttura tal-Introjtu	<p>Introjtu <i>L-introjtu annwali u fix-xahar totali u l-komponenti kollha tiegħi, u l-introjtu fis-siegħha mħallas lil kull impjegat fil-kampjun.</i></p> <p>Karatteristiċi tal-impjegatur <i>Informazzjoni ekonomika, legali, ġeografika u tal-impiegi dwar l-unità lokali li magħha hu marbut kull impjegat fil-kampjun, u dwar l-intrapriża tagħha.</i></p> <p>Karatteristiċi tal-impjegat <i>Informazzjoni demografika, ġeografika inkluż jekk l-impjegat huwiex ħaddiem migrant jew transfruntier, edukattiva, kuntrattwali u okkupazzjonali individwali dwar kull impjegat fil-kampjun.</i></p> <p>Perjodi tax-xogħol <i>Informazzjoni dwar il-perjodi tax-xogħol</i></p>	Kull erba' snin	Sena kalendarja	T+16-il xahar	2026

		<p><i>imħallsa għal kull impjegat fil-kampjun</i></p> <p>Elementi tekniċi tal-istħarriġ <i>Informazzjoni dwar il-kampjunar u l-ġbir tad-data għal kull impjegat fil-kampjun u għall-impjegatur rispettiv (eż. ponderazzjonijiet).</i></p>				
	Differenza fil-pagi bejn il-ġeneri	<p>Introjtu fis-siegħa <i>L-introjtu fis-siegħa tal-impjegati rġiel u nisa skont il-karatteristiċi ewlenin tal-impjegatur u tal-impjegat u d-differenzi relativi korrispondenti bejn l-introjtu fis-siegħa tal-impjegati rġiel u nisa.</i></p> <p>Impjegati <i>L-għadd ta' impjegati rġiel u nisa skont il-karatteristiċi tal-impjegatur u tal-impjegat.</i></p>	Kull sena	Sena kalendarja	T+13-il xahar	2026
	<i>Paga Minima</i>	<p><i>Il-livell tal-paga minima statutorja</i></p> <p><i>L-għadd u s-sehem tal-ħaddiema koperti mill-paga minima statutorja</i></p>	<i>Kull sentejn</i>	<i>Sena kalendarja</i>	<i>T+13-il xahar</i>	<i>2026</i>
	<i>Il-Kopertura tan-Negozjar Kollettiv</i>	<i>L-għadd ta' impjegati koperti minn ftehimiet kollettivi</i>	<i>Kull sentejn</i>	<i>Sena kalendarja</i>	<i>T+13-il xahar</i>	<i>2026</i>
Kostijiet	Struttura	Kostijiet lavorattivi	Kull erba'	Sena	T+18-il	2028

vi	lavorattivi	<i>Il-kostijiet totali mġarrba mill-impjegatur biex jingaġġa l-ħaddiema u l-komponenti ta' dawn il-kostijiet.</i>			
		Sigħat maħduma <i>Is-sigħat effettivament maħduma minn tipi ewlenin tal-impjegati.</i>			
		Sigħat imħallsa <i>Is-sigħat imħallsa mit-tipi ewlenin tal-impjegati.</i>			
		Impjegati <i>L-għadd ta' impjegati skont it-tipi ewlenin.</i>			
		Unitajiet lokali <i>Informazzjoni dwar l-unitajiet lokali fil-kampjun.</i>			
Indiċi tal-kostijiet lavorattivi		Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma <i>L-indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma, skont it-tip tal-kostijiet; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	– Stimi bikrija: T+45 jum – Data finali: T+65 jum
		Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali <i>kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>			
		Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma			

		<i>kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>				
		Kostijiet lavorattivi annwali <i>Il-livelli tal-kostijiet lavorattivi annwali (ponderazzjonijiet) skont it-tip tal-kostijiet.</i>	Kull sena	Sena kalendarja	Tmiem l-ewwel kwart tas-sena T+1+65 jum	
Domand a għax-xogħol	Impjieg i-vakanti	Postijiet tax-xogħol vakanti <i>Informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti rreġistrati; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	– Stimi bikrija: T+45 jum – Data finali: T+70 jum	L-ewwel kwart tal-2026

- (1) Wara tmiem il-perjodu ta' referenza “T”.
- (2) Meta l-iskadenzi msemmija hawn fuq jaħbtu s-Sibt jew il-Ħadd, l-iskadenza effettiva għandha tkun it-Tnejn ta' wara qabel nofsinhar (CET).

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
European Data Protection Supervisor (EDPS), opinion
European Central Bank (ECB), opinion

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

14.2.2024

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea dwar in-negozji, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 u r-Regolamenti (KE) Nru 450/2003 u (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0459 – C9-0316/2023 – 2023/0288(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Milan Brgez

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjieg i l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, jikkunsidra dawn li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni Ewropea hi meħtieġa għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-istratēġija Ewropea dwar l-impjieg, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew.

Emenda

(1) L-istatistika ***eżatta, fil-ħin, affidabbi u komparabbi*** tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji fl-Unjoni Ewropea hi meħtieġa għat-tfassil, għall-implimentazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk li jindirizzaw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-istratēġija Ewropea dwar l-impjieg, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (***EPSR***), u s-Semestru Ewropew ***kif ukoll dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-EPSR u l-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija soċjali. Dawn huma importanti bl-istess mod għall-Unjoni biex jiġu ssodisfati l-kompeti assenjati lilha skont l-Artikoli 2, 3 u 4 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).***

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test proposīt mill-Kummissjoni

(2) Il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011¹⁵ ***u l-monitoraġġ*** tal-pagi minimi adegwati skont id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jeħtieġu informazzjoni eżatta dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi fis-sieġha u tal-livelli tal-pagi fost l-Istati Membri.

Emenda

(2) Il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011¹⁵, ***il-monitoraġġ*** tal-pagi minimi adegwati skont id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jeħtieġu informazzjoni eżatta dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi fis-sieġha u tal-livelli tal-pagi, ***kif ukoll dwar il-kopertura tan-negozjar kollettiv*** fost l-Istati Membri.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25)

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 3

Test proposīt mill-Kummissjoni

(3) L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, il-Bank Ċentrali Ewropew jużaha fil-kuntest tal-politika monetarja unika biex jimmonitorja r-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li joħolqu l-kostijiet lavorattivi. ***Għalhekk hemm bżonn statistika tal-Unjoni eżatta, fil-ħin u komparabbli dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi.***

Emenda

(3) L-istatistika Ewropea tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji, ***b'mod partikolari dik dwar l-evoluzzjoni tal-kostijiet lavorattivi u t-tkabbir fil-pagi***, il-Bank Ċentrali Ewropew jużaha fil-kuntest tal-politika monetarja unika biex jimmonitorja r-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li joħolqu l-kostijiet lavorattivi. ***Huwa importanti li din l-analiżi tkun***

ikkomplementata mill-monitoraġġ tar-riskji tal-inflazzjoni u tad-deflazzjoni li jirriżultaw mill-profitti.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Hemm bżonn tiġi estiża ***l-kopertura tal-istatistika*** dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u ***l-puntwalitā*** tal-indiċi tal-kost lavorattiv għax iż-żewġ indikaturi huma elenkti fost l-indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP)¹⁷, meħtieġa biex jiġu monitorjati l-politiki monetarji u ekonomiċi.

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro “Towards improved methodologies for eurozone statistics and indicators”, COM(2002) 0661 final tas-27 ta’ Novembru 2002.

Emenda

(4) Hemm bżonn tiġi estiża ***d-data*** dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u ***titjieb il-puntwalitā*** tal-indiċi tal-kost lavorattiv għax iż-żewġ indikaturi huma elenkti fost l-Indikaturi Ekonomiċi Ewropej Prinċipali (IEEP)¹⁷, meħtieġa biex jiġu monitorjati l-politiki monetarji u ekonomiċi.

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika taż-żona tal-euro “Towards improved methodologies for eurozone statistics and indicators” (*Lejn metodoloġiji mtejba għall-istatistika u l-indikaturi taż-żona tal-euro*), COM(2002) 0661 final tas-27 ta’ Novembru 2002.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Hemm bżonn bażi ġuridika għar-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni tad-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri biex isir monitoraġġ tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), b'mod partikolari, l-Ġhan 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Emenda

(5) Hemm bżonn bażi ġuridika għar-regolamentazzjoni tat-trażmissjoni tad-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri biex isir monitoraġġ tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), b'mod partikolari, l-Ġhan 5 dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ***u l-Ġhan 8 dwar Xogħol deċenti u tkabbir ekonomiku, kif ukoll għall-monitoraġġ tal-impatt tad-Direttiva (UE) 2023/970.***

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa f'materji tal-impieg u tax-xogħol¹⁸ teħtieġ data komparabbi dwar il-pagi li jirċievu l-irġiel u n-nisa. Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssahħħah l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa¹⁹ teżiġi li l-Istati Membri jiprovvdu data aġġornata u fil-ħin lill-Kummissjoni dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi kumplimentat bil-qafas statistiku meħtieġ li jixraq għall-kumpilazzjoni u t-trażmissjoni tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi kumplimentat bil-qafas statistiku meħtieġ li jixraq għall-kumpilazzjoni u t-trożmissjoni tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

¹⁸ Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impieg u xogħol (ĠU L 204, 26.07.2006, p. 23).

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssahħħah l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.05.2023, p. 21).

Emenda

(6) L-implimentazzjoni, ***il-monitoraġġ u l-valutazzjoni*** tal-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugwali tal-irġiel u tan-nisa f'materji tal-impieg u tax-xogħol¹⁸ teħtieġ data komparabbi dwar il-pagi li jirċievu l-irġiel u n-nisa. Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssahħħah l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa¹⁹ teżiġi li l-Istati Membri jiprovvdu data aġġornata u fil-ħin lill-Kummissjoni dwar id-differenza annwali fil-pagi bejn il-ġeneri. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi kumplimentat bil-qafas statistiku meħtieġ li jixraq għall-kumpilazzjoni u t-trożmissjoni tad-data dwar id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

¹⁸ Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impieg u xogħol (ĠU L 204, 26.07.2006, p. 23).

¹⁹ Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssahħħah l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.05.2023, p. 21).

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) *Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet hija d-differenza relativa bejn il-pensjonijiet gross medji li jaqilgħu n-nisa u l-irġiel. Id-differenza għandha l-għeruq tagħha f'karrieri professjonali differenti; dawk tan-nisa huma kkaratterizzati minn paga aktar baxxa, karrieri iqsar u interrotti, u volum aktar baxx ta' sīghat maħduma. B'rizzultat ta' dan, in-nisa jkunu f'riskju akbar ta' faqar mill-irġiel aktar tard f'ħajnej. Id-data miġbura fil-kuntest tal-istatistika tas-suq tax-xogħol dwar in-negozji rigward l-istruttura tal-qligħ, id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u l-istruttura tal-kostijiet lavorattivi tista' tikkontribwixxi wkoll għal fehim aħjar tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fl-Istati Membri.*

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Biex jiġi limitat il-piż fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq l-SMEs, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi, li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut **għal** jew bħala suppliment **għall-istħarriġiet tal-istatistika**, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-objettiv.

Emenda

(9) *Jenħtieġ li l-ġbir tad-data ma joħloq l-ebda piż amministrattiv bla bżonn għall-intrapriżi. Biex jiġi limitat il-piż fuq l-intrapriżi, b'mod partikolari fuq **l-intrapriżi soċċali**, l-SMEs u **l-mikrointrapriżi**, l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jenħtieġ li jikkunsidraw sorsi amministrattivi u innovattivi, li l-għan ewlieni tagħhom ma jkunx il-forniment tal-istatistika, bħala sostitut **għall-istħarriġiet tal-istatistika** jew bħala suppliment **għalihom**, soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwalità tal-istatistika uffiċjali. L-aħħar żviluppi teknoloġiċi u diġitali jistgħu jikkontribwixxu għal dan l-objettiv.*

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Meta l-aktivitajiet li jeħtieġ jitwettqu skont dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali, tali proċessar jenħtieġ li jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, jiġifieri r-Regolament (UE) 2018/1725¹ u r-Regolament (UE) 2016/679². F'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data stabbilit f'dawk ir-Regolamenti, id-data pprovjeta skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi aggregata sat-tali punt li l-individwi ma jkunux jistgħu jiġu identifikati;

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

² Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10b) L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' statistika, li jitqies li huwa fl-interess pubbliku, jenħtieġ li jkun

soġġett għal salvagwardji xierqa f'konformità mal-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) 2016/679¹ u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/1725². Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-konformità mal-prinċipju tal-anonimazzjoni tad-data personali.

¹ *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).*

² *Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.*

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) L-użu ta' tekniki ta' scraping tal-web biex tinġabar data minn siti web b'mod mhux strutturat jenħtieġ li jikkonforma mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data tal-akkuratezza.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) “intrapriża soċjali” tfisser entità tal-liġi privata li tipprovd i oġġetti u servizzi

għas-suq b'mod intraprenditorjali u f'konformità mal-prinċipji u l-karatteristiċi tal-ekonomija soċjali, b'objettivi soċjali jew ambjentali bħala raġuni għall-attività kummerċjali tagħha. L-intrapriżi soċjali jistgħu jiġu stabbiliti f'varjetà ta' forom legali^{1a}

^{1a} Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali tad-9 ta' Novembru 2023.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) “impiegat” tfisser persuna irrispettivament min-nazzjonalità tagħha, mir-residenza tagħha jew minn kemm ilha taħdem fl-Istat Membru fejn għandha **kuntratt** ta’ impieg **dirett** ma’ intrapriża (**kemm jekk il-ftehim ikun** formali **kif ukoll jekk ikun** informali) u tirċievi remunerazzjoni, irrispettivament mit-tip ta’ xogħol li tagħmel, in-numru tas-sighħat maħduma (full-time jew part-time) u t-tul tal-kuntratt (fiss jew indefinite, inkluż staġunali); ir-remunerazzjoni ta’ impiegat tista’ tieħu l-forma ta’ pagi u salarji, inkluż bonuses, ħlas għal xogħol bl-imqieta u bix-xift, gratifikasi, miżati, kummissjonijiet u remunerazzjoni in natura;

Emenda

(5) “impiegat” tfisser persuna irrispettivament min-nazzjonalità tagħha, mir-residenza tagħha jew minn kemm ilha taħdem fl-Istat Membru fejn għandha **relazzjoni** ta’ impieg **diretta** ma’ intrapriża, **stabbilit minn kuntratt** formali **jew ftehim** informali, u tirċievi remunerazzjoni, irrispettivament mit-tip ta’ xogħol li tagħmel, in-numru tas-sighħat maħduma (full-time jew part-time) u t-tul tal-kuntratt (fiss jew indefinite, inkluż staġunali); ir-remunerazzjoni ta’ impiegat tista’ tieħu l-forma ta’ pagi u salarji, inkluż bonuses, ħlas għal xogħol bl-imqieta u bix-xift, gratifikasi, miżati, kummissjonijiet u remunerazzjoni in natura;

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) “impiegatur” tfisser intrapriża jew unità lokali li għandha **kuntratt** ta’ impieg **dirett** ma’ impiegat (**kemm jekk il-ftehim**

Emenda

(6) “impiegatur” tfisser intrapriża jew unità lokali li għandha **relazzjoni** ta’ impieg **diretta** ma’ impiegat, **stabbilit**

ikun formali *kif ukoll jekk ikun*
informali);

minn kuntratt formali *jew ftehim*
informali;

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagraphu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ipproċessar ta' data msemmi fl-Artikolu 3(1)(c) huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/58¹. L-użu ta' tekniki ta' scraping tal-web għandu jkun limitat għal data mhux personali.

¹ *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika).*

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, inkluż ir-Regolament (UE) 2016/1¹, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009².

¹ *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fizċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ċonċerti*

dwar il-Protezzjoni tad-Data).

² Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwarf il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – inċiż 2a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

– (iii) *il-kopertura tan-negozjar kollektiv;*

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Għas-suġġetti kollha fl-Anness, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jipprovdu data separata dwarf l-intrapriżi soċjali.

Emenda 19

Proposta għal regolament

Anness I

Test propos mill-Kummissjoni

ANNESS I

Dominji, temi u temi dettaljati; il-perjodiċità tal-provvista tad-data, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data ta' kull tema

Dominju	Tema	Tema dettaljata	Perjodiċità	Perjodu ta' referenza	Skadenza għat-trażmissjoni tad-data ^{(1) (2)}	L-ewwel perjodu ta' referenza;
Introjtu	Struttura tal-Introjtu	<p>Introjtu L-introjtu annwali u fix-xahar totali u l-komponenti kollha tiegħu, u l-introjtu fis-siegħha mħallas lil kull impjegat fil-kampjun.</p> <p>Karatteristiċi tal-impjegatur <i>Informazzjoni ekonomika, legali, ġeografika u tal-impiegati dwar l-unità lokali li magħha hu marbut kull impjegat fil-kampjun, u dwar l-intrapriżza tagħha.</i></p> <p>Karatteristiċi tal-impjegat <i>Informazzjoni demografika, edukattiva, kuntrattwali u okkupazzjonali individwali dwar kull impjegat fil-kampjun.</i></p> <p>Perjodi tax-xogħol <i>Informazzjoni dwar il-perjodi tax-xogħol imħallsa għal kull impjegat fil-kampjun</i></p> <p>Elementi tekniċi tal-istħarriġ <i>Informazzjoni dwar il-kampjunar u l-ġbir tad-data għal kull impjegat fil-kampjun u għall-impiegatur rispettiv (eż-ponderazzjonijiet).</i></p>	Kull erba' snin	Sena kalendarja	T+16-il xahar	2026

	Differe nza fil-pagi bejn il-ġeneri	Introjtu fis-siegħa <i>L-introjtu fis-siegħa tal-impjegati r̄ġiel u nisa skont il-karatteristiċi ewlenin tal-impjegatur u tal-impjegat u d-differenzi relattivi korrispondenti bejn l-introjtu fis-siegħa tal-impjegati r̄ġiel u nisa.</i> Impjegati <i>L-ġħadd ta' impjegati r̄ġiel u nisa skont il-karatteristiċi tal-impjegatur u tal-impjegat.</i>	Kull sena	Sena kalendarja	T+13-il xahar	2026
Kostij iet lavorattivi	Struttura tal-kostijiet lavorattivi	Kostijiet lavorattivi <i>Il-kostijiet totali mġarrba mill-impjegatur biex jingaġġa l-ħaddiema u l-komponenti ta' dawn il-kostijiet.</i> Sigħat maħduma <i>Is-sigħat effettivament maħduma minn tipi ewlenin tal-impjegati.</i> Sigħat imħallsa <i>Is-sigħat imħallsa mit-tipi ewlenin tal-impjegati.</i> Impjegati <i>L-ġħadd ta' impjegati skont it-tipi ewlenin.</i> Unitajiet lokali <i>Informazzjoni dwar l-unitajiet lokali fil-kampjun.</i>	Kull erba' snin	Sena kalendarja	T+18-il xahar	2028
Indiċi tal-kostiji et lavorattivi	Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma <i>L-indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma,</i>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	- Stimi bikrija: T+45 jum Data finali: T+65 jum	- L-ewwel kwart tal-2026	

		<p><i>skont it-tip tal-kostijiet; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p>				
		<p><i>Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p>				
		<p><i>Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p>				
		Kostijiet lavorattivi annwali	Kull sena	Sena	Tmiem	
		<i>Il-livelli tal-kostijiet lavorattivi annwali (ponderazzjonijiet) skont it-tip tal-kostijiet.</i>		kalendarja	l-ewwel kwart tas-sena T+1+65 jum	
Doma nda għax-xogħol	Impjieg i-vakanti	<p>Postijiet tax-xogħol vakanti <i>Informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti rreġistrati; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p> <p>Postijiet tax-xogħol okkupati: <i>Informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	- Stimibikrija: T+45 jum Data finali: T+70 jum	L-ewwel kwart tal-2026

Emenda

ANNESS I

Dominji, temi u temi dettaljati; il-perjodiċità tal-provvista tad-data, il-perjodi ta' referenza u l-iskadenza għat-trażmissjoni tad-data ta' kull tema

Dominju	Tema⁽³⁾	Tema dettaljata	Perjodiċità	Perjodu ta' referenza	Skadenza għat-trażmissjoni tad-data ^{(1) (2)}	L-ewwel perjodu ta' referenza;
Introjtu	Struttura tal-Introjtu	Introjtu L-introjtu annwali u fix-xahar totali u l-komponenti kollha tiegħu, u l-introjtu fis-siegħa mħallas lil kull impjegat fil-kampjun.	Kull erba' snin	Sena kalendarja	T+16-il xahar	2026
		Karatteristiċi tal-impjegatur <i>Informazzjoni ekonomika, legali, ġeografika u tal-impjieg iċċi dwar l-unità lokali li magħha hu marbut kull impjegat fil-kampjun, u dwar l-intrapriża tagħha.</i>				
		Karatteristiċi tal-impjegat <i>Informazzjoni demografika, edukattiva, kuntrattwali u okkupazzjonali individwali dwar kull impjegat fil-kampjun.</i>				
		Perjodi tax-xogħol <i>Informazzjoni dwar il-perjodi tax-xogħol imħallsa għal kull impjegat fil-kampjun</i>				

		Elementi tekniċi tal-istħarriġ <i>Informazzjoni dwar il-kampjunar u l-ġbir tad-data għal kull impjegat fil-kampjun u għall-impjegatur rispettiv (eż. ponderazzjonijiet).</i>				
	Differe nza fil-pagi bejn il-ġeneri	Introjtu fis-siegħa <i>L-introjtu fis-siegħa tal-impjegati rġiel u nisa skont il-karatteristiċi ewlenin tal-impjegatur u tal-impjegat u d-differenzi relattivi korrispondenti bejn l-introjtu fis-siegħa tal-impjegati rġiel u nisa.</i>	Kull sena	Sena kalendarja	T+13-il xahar	2026
		Impjegati <i>L-ġħadd ta' impjegati rġiel u nisa skont il-karatteristiċi tal-impjegatur u tal-impjegat.</i>				
	Kopertura tan-negozjar kollettiv	L-ġħadd ta' impjegati koperti minn ftehimiet kollettivi	Kull sena	Sena kalendarja	T+13-il xahar	2026
Kostijiet lavorattivi	Struttura tal-kostijiet lavorattivi	Kostijiet lavorattivi <i>Il-kostijiet totali mġarrba mill-impjegatur biex jingaġġa l-ħaddiema u l-komponenti ta' dawn il-kostijiet.</i>	Kull erba' snin	Sena kalendarja	T+18-il xahar	2028
		Sigħat maħduma <i>Is-sigħat effettivament maħduma minn tipi ewlenin tal-impjegati.</i>				
		Sigħat imħallsa <i>Is-sigħat imħallsa mit-tipi ewlenin tal-impjegati.</i>				

		Impjegati <i>L-għadd ta' impjegati skont it-tipi ewlenin.</i>				
		Unitajiet lokali <i>Informazzjoni dwar l-unitajiet lokali fil-kampjun.</i>				
	Indiċi tal-kostiji et lavorativi	Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma <i>L-indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi għal kull siegħa maħduma, skont it-tip tal-kostijiet; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	- Stimi bikrija: T+45 jum Data finali: T+65 jum	L-ewwel kwart tal-2026
		Indiċi trimestrali tal-kostijiet lavorattivi totali <i>kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>				
		Indiċi trimestrali tas-sigħat maħduma <i>kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>				
		Kostijiet lavorattivi annwali	Kull sena	Sena	Tmiem	
		<i>Il-livelli tal-kostijiet lavorattivi annwali (ponderazzjonijiet) skont it-tip tal-kostijiet.</i>		kalendarja	l-ewwel kwart tas-sena T+1+65 jum	
Doma nda għax-xogħol	Impiegħi vakanti	Postijiet tax-xogħol vakanti <i>Informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti rreġistrati; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i>	Kull kwart tas-sena	Kwart kalendarju	- Stimi bikrija: T+45 jum Data finali: T+70 jum	L-ewwel kwart tal-2026

		<p>Postijiet tax-xogħol okkupati: <i>Informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati; kronoloġija mhux aġġustata u aġġustata.</i></p>			
(1)		Wara tmiem il-perjodu ta' referenza “T”.			
(2)		Meta l-iskadenzi msemmija hawn fuq jaħbtu s-Sibt jew il-Ħadd, l-iskadenza effettiva għandha tkun it-Tnejn ta' wara qabel nofsinhar (CET).			
(3)		<i>It-temi kollha għandhom jiġu diżaggregati skont l-intrapriżi soċjali.</i>			